



## Ġabra tal-ġurisprudenza

### **Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-31 ta' Diċembru 2020 – ExxonMobil Production Deutschland vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-731/20 R)

“Proċeduri għal miżuri provviżorji – Direttiva 2003/87/KE – Deċiżjoni 2011/278/UE – Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjoni ta' gassijiet serra – Talba għal miżuri provviżorji – Nuqqas ta' urġenza”

1. *Proċeduri għal miżuri provviżorji – Sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Miżuri provviżorji – Kundizzjonijiet għall-ġhoti – Fumus boni juris – Urġenza – Dannu gravi u irreparabbli – Natura kumulattiva – Ibbilanċjar tal-interessi kollha inkwistjoni*

(Artikoli 278 u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 156(4))

(ara l-punti 13, 21)

2. *Proċeduri għal miżuri provviżorji – Sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Miżuri provviżorji – Kundizzjonijiet għall-ġhoti – Urġenza – Dannu gravi u irreparabbli – Oneru tal-prova – Dannu purament ipotetiku bbażat fuq is-seħħ ta' avvenimenti futuri u inċerti – Karattru insuffiċjenti biex tiġi ġġustifikata l-urġenza*

(Artikoli 278 u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 156(4))

(ara l-punti 16, 17)

3. *Proċeduri għal miżuri provviżorji – Sospensjoni tal-eżekuzzjoni – Miżuri provviżorji – Kundizzjonijiet għall-ġhoti – Urġenza – Dannu gravi u irreparabbli – Oneru tal-prova – Dannu finanzjarju – Obbligu li jiġu pprovduti indikazzjonijiet konkreti u preċiżi, sostnuti bi provi dokumentali fid-dettall – Sitwazzjoni li tista' tipperikola l-eżistenza tal-kumpannija rikorrenti*

(Artikoli 278 u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 156(4))

(ara l-punti 18, 20)

## **Suġġett**

Talba abbażi tal-Artikoli 279 TFUE u 156 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali u intiża biex il-Kummissjoni tiġi ordnata tittrasferixxi 7 428 258 kwota ta' emissjoni fuq il-kont tal-installazzjoni tar-rikorrenti sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020.

## **Dispożittiv**

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.